**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Mejju 2021**

Rikors Numru: 23/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 121/2011)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ tagħhom f'Malta fis-26 ta' Marzu tas-sena 2011 kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ oriġinali hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat nhar is-7 ta' Awwissu tas-sena 2014 fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli liema kuntratt qiegħed hawn anness u mmarkat Dok B;

3. Illi l-kontendenti ilhom jgħixu mhux flimkien mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u ma kien hemm l-ebda riunjoni minn dak iż-żmien s'issa;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

5. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom;

6. Illi l-affidavit tal-esponent qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok C.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Previa s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2021;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 t'Awwissu, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.